

Brussell, 16 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14136/25

AGRI 498
AGRIORG 118
AGRIFIN 113
DELECT 154

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 6948 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'16.10.2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/2429 fir-rigward tat-tikkettar tal-oriġini għall-frott u l-ħxejjex li joriġinaw mit-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 6948 final.

Mehmuż: C(2025) 6948 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.10.2025
C(2025) 6948 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 16.10.2025

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/2429 fir-rigward tat-tikkettar tal-orġini
għall-frott u l-ħxejjex li joriġinaw mit-territorju mhux awtonomu tas-Sahara tal-Punent**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li l-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħxejjex li huma maħsuba biex jinbiegħu friski lill-konsumatur jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni biss jekk ikun indikat il-pajjiż tal-orġini. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2429 jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 billi jistabbilixxi l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għas-settur tal-frott u l-ħxejjex, ċerti prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati u s-settur tal-banana u, b'mod partikolari, ir-regoli dwar it-tikkettar tal-orġini li japplikaw għal daww il-prodotti.

Fis-sentenzi tagħha fil-Kawżi C-104/16 P¹ u C-266/16² il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li t-territorju tas-Sahara tal-Punent jikkostitwixxi territorju mhux awtonomu distint minn dak tar-Renju tal-Marokk, u fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-399/22³ il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat ukoll li t-territorju tas-Sahara tal-Punent irid jitqies bħala territorju doganali separat għall-finijiet tal-Artikolu 60 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u, konsegwentement, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru 543/2011 (imħassar u sostitwit bir-Regolament Delegat (UE) 2023/2429) fir-rigward tal-indikazzjoni tal-pajjiż tal-orġini fuq it-tikketta tal-frott u l-ħxejjex friski maħsuda f'dak it-territorju, li jistgħu jindikaw biss is-Sahara tal-Punent bħala tali orġini.

F'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-779/21 P u C-799/21 P⁴, l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk innegozjaw Ftehim li jissostitwixxi l-Ftehim tal-2018 fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk⁵ li l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tiegħu ġew approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2022⁶.

Dan il-Ftehim il-ġdid, li japplika b'mod proviżorju mill-4 ta' Ottubru 2025, jestendi l-preferenzi bilaterali mogħtija mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra⁷, għall-prodotti li joriġinaw mit-territorju tas-Sahara tal-Punent li

¹ Is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, *Il-Kunsill vs Front Polisario*, C-104/16 P, ECLI:EU:C:2016:973, il-punti 92–95.

² Is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, *Western Sahara Campaign UK vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs u Secretary of State for Environment, Food and Rural Affairs*, C-266/16, ECLI:EU:C:2018:118, il-punti 62–63.

³ Is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, *Confédération Paysanne vs Ministre de l'Agriculture et de la Souveraineté alimentaire u Ministre de l'Économie, des Finances et de la Souveraineté industrielle et numérique*, C-399/22, ECLI:EU:C:2024:839, il-punt 87.

⁴ Is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, *Il-Kummissjoni vs Front Polisario*, C- 779/21 P u C- 799/21 P, ECLI:EU:C:2024:835.

⁵ Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar emenda tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 34, 6.2.2019, p. 4).

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2022 tat-2 ta' Ottubru 2025 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 2025/2022, 3.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2022/oj>).

⁷ Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2)

huma soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata distinzjoni ċara fuq it-tikkettar tal-orijini bejn daww il-prodotti u l-prodotti li jorijinaw mill-Marokk u sabiex tiġi żgurata informazzjoni korretta lill-konsumaturi tal-Unjoni, dan jistabbilixxi li, meta jiġu importati fl-Unjoni, il-frott u l-ħxejjex li jorijinaw mit-territorju mhux awtonomu tas-Sahara tal-Punent li huma soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini għandhom jindikaw bħala post tal-orijini l-isem tar-reġjun fejn inħasad il-prodott, kif indikat fiċ-ċertifikat tal-orijini li jakkumpanja tali prodotti meta jiġu importati fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-Ftehim il-ġdid jipprevedi li l-Unjoni tista' tagħti lill-awtoritajiet Marokkini responsabbli, fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni, l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa biex joħorġu ċertifikati ta' konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim il-ġdid, id-Deċiżjoni 2/2025, tat-3 ta' Ottubru 2025 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, li temenda l-Protokoll 4 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva⁸, tiżgura li l-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jkun applikabbli għall-prodotti li jorijinaw mis-Sahara tal-Punent.

L-għan ta' dan ir-Regolament Delegat huwa li jallinja l-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni mal-Ftehim il-ġdid imsemmi fil-forma ta' Skambju ta' Ittri fir-rigward tat-tikkettar tal-orijini tal-frott u l-ħxejjex li jorijinaw mis-Sahara tal-Punent u l-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti Marokkini jiġu awtorizzati jivverifikaw u, konsegwentement, jiċċertifikaw il-konformità ta' tali prodotti mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni.

L-adozzjoni ta' dan l-att delegat ma tinvolvi implikazzjonijiet finanzjarji.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fis-6 ta' Ottubru 2025, saru konsultazzjonijiet li jinvolvu esperti mis-27 Stat Membru kollha fil-Grupp ta' Esperti dwar is-Swieq Agrikoli stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, b'mod partikolari dwar aspetti li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament dwar l-OKS Unika — Prodotti ortikulturali, li matulhom ġie ppreżentat u maqbul abbozz ta' test. L-abbozz tal-verżjoni ta' dan l-att jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iskrutinju.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat jemenda l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2429 biex jinkludi deroga speċifika mill-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mill-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2429 fir-rigward tal-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż tal-orijini għall-frott u l-ħxejjex friski li jorijinaw mit-territorju mhux awtonomu tas-Sahara tal-Punent li huma soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini u biex jipprevedi li għal daww il-prodotti, kif ukoll għall-prodotti l-oħra kollha koperti mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2429 li jorijinaw mill-istess territorju u soġġetti għall-kontroll tal-istess awtoritajiet, l-indikazzjoni tal-pajjiż tal-orijini trid tiġi sostitwita bl-

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2023 tat-2 ta' Ottubru 2025 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, li temenda l-Protokoll 4 ta' dak il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ĠU L 2025/2023, 3.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2023/oj>).

indikazzjoni tar-reġjun li minnu joriġina l-prodott ikkonċernat kif indikat fiċ-ċertifikat tal-oriġini li jakkumpanja daww il-prodotti meta jiġi importat fl-Unjoni. Fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2429, jinkludi wkoll il-possibbiltà li l-Kummissjoni tawtorizza lill-awtoritajiet kompetenti Marokkini jivverifikaw u jiċċertifikaw il-konformità ta' daww il-prodotti kollha jew parti minnhom mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'16.10.2025

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/2429 fir-rigward tat-tikkettar tal-orġini għall-frott u l-ħxejjex li joriġinaw mit-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 75(2), l-Artikolu 76(4) u l-Artikolu 89, il-punt (a), tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 75(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għas-setturi jew il-prodotti msemmija fihom, kif ukoll derogi u eżenzjonijiet minn tali standards sabiex jadattaw għall-kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu b'mod kostanti, għad-domandi tal-konsumatur li dejjem qed jevolvu, għall-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti u sabiex jiġi evitat li jinħolqu ostakli għall-innovazzjoni ta' prodotti.
- (2) L-Artikolu 89(a), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati dwar il-kundizzjonijiet li skonthom il-prodotti importati jitqiesu li għandhom livell ekwivalenti ta' konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni u mal-kundizzjonijiet li jippermettu deroga mill-Artikolu 74 ta' dak ir-Regolament sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-kummerċ bejn l-Unjoni u ċerti pajjiżi terzi u l-karattru speċjali ta' ċerti prodotti agrikoli.
- (3) L-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li l-prodotti tas-settur tal-frott u l-ħxejjex li huma maħsuba biex jinbiegħu friski lill-konsumatur jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni biss jekk ikun indikat il-pajjiż tal-orġini, filwaqt li l-Artikolu 76(4) ta' dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati li jidderogaw minn dik ir-regola biex jitqiesu ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi.
- (4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2429² jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 billi jistabbilixxi l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għas-settur tal-frott u l-ħxejjex, ċerti prodotti tal-frott u l-

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2429 tas-17 ta' Awwissu 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għas-settur tal-frott u l-ħxejjex, għal ċerti prodotti tal-frott u tal-ħxejjex ipproċessati u għas-settur tal-banana, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1666/1999 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 u (UE) Nru 1333/2011 (ĠU L 2023/2429, 3.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2429/oj).

ħxejjex ipproċessati u s-settur tal-banana u, b'mod partikolari, ir-regoli dwar it-tikkettar tal-oriġini li japplikaw għal dawk il-prodotti. L-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż tal-oriġini anke għal ċertu frott innixxef u banana misjura.

- (5) Fis-sentenzi tagħha fil-Kawżi C-104/16 P u C-266/16³, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li t-territorju tas-Sahara tal-Punent jikkostitwixxi territorju mhux awtonomu distint minn dak tar-Renju tal-Marokk, u fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Ottubru 2024 fil-Kawża C-399/22⁴ il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat ukoll li t-territorju tas-Sahara tal-Punent għandu jitqies bħala territorju doganali separat għall-finijiet tal-Artikolu 60 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u, konsegwentement, għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (imħassar u sostitwit bir-Regolament Delegat (UE) 2023/2429) u li, għaldaqstant, l-indikazzjoni tal-pajjiż tal-oriġini li jrid jidher fuq il-frott u l-ħxejjex friski maħsuda f'dak it-territorju tista' tindika biss is-Sahara tal-Punent bħala tali oriġini.
- (6) Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Ottubru 2024 fil-Kawżi Magħquda C-779/21 P u C-799/21 P⁵, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/217⁶ dwar il-konklużjoni tal-ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk. Il-Qorti tal-Ġustizzja żammet l-effetti tad-Deċiżjoni tal-Kunsill annullata għal 12-il xahar mid-data tas-sentenza, jiġifieri sal-4 ta' Ottubru 2025.
- (7) F'konformità mas-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 fil-Kawżi Magħquda C779/21 P u C799/21 P u sabiex tiġi żgurata distinzjoni ċara fuq it-tikkettar tal-oriġini bejn il-prodotti li joriġinaw mit-territorju mis-Sahara tal-Punent li huma soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini u dawk li joriġinaw mill-Marokk, kif ukoll informazzjoni korretta lill-konsumaturi tal-Unjoni, Ftehim ġdid fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, li ġie ffirmat mir-Renju tal-Marokk u mill-Unjoni u li japplika b'mod proviżorju mill-4 ta' Ottubru 2025⁷, jistabbilixxi li l-frott u l-ħxejjex li joriġinaw mit-territorju mhux awtonomu tas-Sahara tal-Punent li huma soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini, meta jiġu importati fl-Unjoni, għandhom jindikaw, bħala post tal-oriġini, l-isem tar-reġjun fejn inħasad il-prodott kif indikat fiċ-ċertifikat

³ Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016, *Il-Kunsill vs Front Polisario*, C- 104/16 P, ECLI:EU:C:2016:973, il-punt 92, u tas-27 ta' Frar 2018, *Western Sahara Campaign UK vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs and Secretary of State for Environment, Food and Rural Affairs*, C- 266/16, ECLI:EU:C:2018:118, il-punt 62.

⁴ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ottubru 2024, *Confédération paysanne vs Ministre de l'Agriculture et de la Souveraineté alimentaire u Ministre de l'Économie, des Finances et de la Souveraineté industrielle et numérique*, C- 399/22, ECLI:EU:C:2024:839, il-punt 87.

⁵ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ottubru 2024, *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Front Polisario*, fil-Kawżi magħquda C- 779/21 P u C- 799/21 P, ECLI:EU:C:2024:835.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/217 tat-28 ta' Jannar 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 34, 6.2.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/217/oj>).

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2022 tat-2 ta' Ottubru 2025 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 2025/2022, 3.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2022/oj>).

tal-oriġini li jakkumpanja tali prodotti meta jiġu importati fl-Unjoni. Barra minn hekk, fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni, il-Ftehim il-ġdid jipprevedi li l-Unjoni tista' tagħti lill-awtoritajiet kompetenti Marokkini l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa biex jivverifikaw u, konsegwentement, joħorġu ċertifikati ta' konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

- (8) Id-Deċiżjoni 2/2025, tat-3 ta' Ottubru 2025 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, li temenda l-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva⁸, tistabbilixxi dispożizzjonijiet li jiżguraw l-applikabbiltà tal-Protokoll 4 għall-prodotti li joriġinaw mis-Sahara tal-Punent. Dik id-Deċiżjoni tispeċifika wkoll l-isem tar-reġjuni, "Dakhla Oued Ed-Dahab" u "Laâyoune-Sakia El Ħamra", kif xieraq, li għandu jiġi indikat fiċ-ċertifikat tal-oriġini li jakkumpanja l-prodotti inkwistjoni kif ukoll fid-dikjarazzjoni tal-oriġini.
- (9) Sabiex jiġu implimentati l-Ftehim il-ġdid u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk tat-3 ta' Ottubru 2025, huw neċessarju li ssir deroga mill-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mill-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2429 biex jiġi previst li għall-frott u l-ħxejjex li joriġinaw mit-territorju tas-Sahara tal-Punent li huma soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini u li jiġu importati u kkummerċjalizzati fl-Unjoni, l-indikazzjoni tal-pajjiż tal-oriġini tiġi sostitwita bl-indikazzjoni tar-reġjun li minnu joriġina l-prodott kif indikat fiċ-ċertifikat tal-oriġini li jakkumpanja dawk il-prodotti meta jiġu importati fl-Unjoni.
- (10) L-Artikolu 9(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2429 jillimita l-approvazzjoni tal-kontrolli tal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni mwettqa minn ċerti pajjiżi terzi għall-prodotti li joriġinaw minn tali pajjiżi terzi. Sabiex l-Unjoni tkun tista' tagħti lill-awtoritajiet kompetenti Marokkini l-awtorizzazzjoni biex iwettqu kontrolli tal-konformità u, konsegwentement, biex tiċċertifika l-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex friski li joriġinaw mit-territorju mhux awtonomu tas-Sahara tal-Punent li huma soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini u li jiġu importati u kkummerċjalizzati fl-Unjoni, jixraq li f'dak l-Artikolu tiġi inkluża l-possibbiltà li l-Kummissjoni tapprova l-kontrolli tal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti Marokkini fir-rigward ta' dawk il-prodotti.
- (11) Sabiex jiġi evitat kull tfixkil fil-kummerċ kopert mill-estensjoni tal-preferenzi prevista mill-Ftehim il-ġdid, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (12) Peress li l-Ftehim il-ġdid huwa applikabbli b'mod proviżorju mill-4 ta' Ottubru 2025, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika b'mod retroattiv minn dik l-istess data.
- (13) Madankollu, il-frott u l-ħxejjex li joriġinaw mit-territorju mhux awtonomu tas-Sahara tal-Punent u soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini li kienu

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2023 tat-2 ta' Ottubru 2025 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, li temenda l-Protokoll 4 ta' dak il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ĠU L 2025/2023, 3.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2023/oj>).

importati legalment fl-Unjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li għandhom l-indikazzjoni tas-Sahara tal-Punent bħala pajjiż tal-orġini, jenħtieġ li jitħallew ikomplu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni wara dik id-data, sakemm jispiċċaw l-istokkijiet u dment li tali prodotti jkomplu jikkonformaw mar-rekwiżiti l-oħra kollha tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni applikabbli tal-Unjoni.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2023/2429 jiġi emendat kif xieraq,
ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2023/2429 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5 jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

“6. B’deroga mill-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mill-Artikolu 3 ta’ dan ir-Regolament, għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2) ta’ dan ir-Regolament li joriġinaw mit-territorju mhux awtonomu tas-Sahara tal-Punent li huma soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini u li huma importati u kkummerċjalizzati fl-Unjoni, l-indikazzjoni tal-pajjiż tal-orġini għandha tiġi sostitwita bl-indikazzjoni tar-reġjun li minnu joriġina l-prodott ikkonċernat kif indikat fiċ-ċertifikat tal-orġini li jakkumpanja dawk il-prodotti meta jiġi importat fl-Unjoni.”;

(2) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. L-approvazzjoni għandha tapplika biss għall-prodotti li joriġinaw mill-pajjiż terz ikkonċernat u tista’ tkun limitata għal ċerti prodotti.

Madankollu, il-Kummissjoni tista’ tapprova l-kontrolli tal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti Marokkini fir-rigward ta’ prodotti li joriġinaw mit-territorju mhux awtonomu tas-Sahara tal-Punent li huma soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini.”.

Artikolu 2

Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2429 li joriġinaw mit-territorju mhux awtonomu tas-Sahara tal-Punent u li huma soġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini li kienu importati legalment fl-Unjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament li għandhom l-indikazzjoni tas-Sahara tal-Punent bħala pajjiż tal-orġini, jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni wara dik id-data, sakemm jispiċċaw l-istokkijiet u dment li jkomplu jikkonformaw mar-rekwiżiti l-oħra kollha tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni applikabbli tal-Unjoni.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-4 ta’ Ottubru 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16.10.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN